ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1502

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-18 ta' Lulju, 2023, u dan wara Rikors b'numru 661/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid ta' Mario Tarcisio Vella numru 2313/1985 biex ikun jidher li isem Mario Tarcisio Vella għandu jidher bħala 'Mario' biss kull fejn jidher u mhux bħala 'Mario Tarcisio' u biex l-isem 'Mario Tarcisio' jigi sostitwit bl-isem 'Mario'.

Li dan it-tibdil jiġi estiż ukoll għal kull fejn jidher ismu fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu (bħala r-raġel) bin-numru 333/1992 u fl-Att taż-Żwieġ ta' bintu (bħala l-missier) bin-numru 1383/1994.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 20 ta' Lulju, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 18th July, 2023, and upon an application numbered 661/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate annotations or corrections in the Birth Act of Mario Tarcisio Vella number 2313/1985 so that it appears that Mario Tarcisio Vella's name should only appear as 'Mario' wherever it appears and not as 'Mario Tarcisio' and for the name 'Mario Tarcisio' to be replaced by the name 'Mario'.

That this change is also extended to wherever his name appears on his Marriage Act (as the husband) with number 333/1992 and in his daughter's Marriage Act (as the father) with number 1383/1994.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 20th July, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1503

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Elain Vella (KI 437277M) u Sonja Casha (KI 80678M) ippreżentaw rikors ġuramentat (numru 166/2022/1TA) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku ta' Miguel Angelo Vella Casha numru 2330/2018 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Elain Vella (ID 437277M) and Sonja Casha (ID 80678M) filed an application (number 166/2022/1TA) demanding the correction of the Act of the Public Registry of Miguel Angelo Vella Casha number 2330/2018 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum, 19 ta' Lulju 2023

CHRISTIAN SAMMUT
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 19th of July 2023

CHRISTIAN SAMMUT
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1504

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-31 ta' Mejju, 2023, fuq rikors ta' Sara Grech (KI 338069M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 11 ta' Ottubru, 2023, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir fi 'Tramontana', Triq Patri Benjamin Galea, il-Madliena, in-Naxxar, tal-pitturi hawn taħt deskritti maqbuda mingħand Daniel Azzopardi (KI 347682M).

Pittura taż-żejt fil-gwarnić tas-seklu sbatax ta' 'A Man holding a Bag' stmata li tiswa elf u ħames mitt ewro (€1500);

Pittura taż-żejt fil-gwarnić tas-seklu sbatax ta' 'St John the Bapist' stmata li tiswa elfejn u ħames mitt ewro (€2500);

Pittura taż-żejt tas-seklu tmintax impittra fuq copper/zinc metal sheet ta' 'The Flight into Egypt' stmata li tiswa elf ewro (€1000);

Pittura taż-żejt fil-gwarnić tas-seklu tmintax ta' 'A Wintry Landscape' stmata li tiswa elf ewro (€1000);

Pittura taż-żejt fil-gwarnić attribwita ta' Mattia Preti mingħajr ċertifikazzjoni ta' 'A Philosopher' stmata li tiswa ħmistax-il elf ewro (€15,000);

Charles Henry Allingham pittura taż-żejt ta' 'A Male Portrait' fil-gwarnić tal-iskultura Maltija tas-seklu dsatax stmata li tiswa tlett elef ewro (€3000);

Pittura still landscape tas-seklu sbatax attribwita ta' Francesco Foschi stmata li tiswa disat elef ewro (€9000).

N.B. Dawn il-pitturi ser jinbiegħu bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 8/23.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Gimgħa, 21 ta' Lulju 2023.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 31st May, 2023, on the application of Sara Grech (ID 338069M) Wednesday, 11th October, 2023, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held in 'Tramontana', Triq Patri Benjamin Galea, Madliena, Naxxar, of the following pictures seized from the property of Daniel Azzopardi (ID 347682M).

17th Century oil framed painting of 'A Man holding a Bag' valued at one thousand and five hundred euro (€1500);

17th Century oil framed painting of 'St John the Bapist' valued at two thousand and five hundred euro (€2500);

18th Century oil framed painting on copper/zinc metal sheet of 'The Flight into Egypt' valued at one thousand euro (€1000);

18th Century oil framed painting of 'A Wintry Landscape' valued at one thousand euro (€1000);

Oil framed painting attributed to Mattia Preti without certification of 'A Philosopher' valued at fifteen thousand euro (€15,000);

Charles Henry Allingham oil paiting of 'A Male Portrait' framed in a Maltese 19th century carved frame valued at three thousand euro (€3000);

17th Century still landscaped painting attributed to Francesco Foschi valued at nine thousand euro (€9000).

N.B. The said pictures will be sold as described in the acts of judicial sale file number 8/23

Registry of the Superior Courts, this Friday, 21st July 2023.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1505

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Lulju, 2022 fuq talba ta' Keith Paris et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Nazzareno Zerafa fl-atti taċ-ċedola numru 1277/2022 fl-ismijiet Keith Paris et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1277/2022 ta' Keith Paris, self-employed, bin Charles u Frances née Delceppo, imwieled Tal-Pietà, fil-21 ta' Awwissu, 1980, flimkien ma' martu Karen Paris, supervisor, bint Alfons Dalli u Pauline née Grech, imwielda Tal-Pietà fid-29 ta' Ottubru, 1980, it-tnejn residenti 126, Leoscor, Triq Patri Mattew Sultana, Il-Kalkara (KI 416080M u KI 503880M rispettivament) u Ritienne Paris, self-employed, bint Charles u Frances née Delceppo, imwielda fit-13 ta' Awwissu, 1976, u residenti numru 34A, Smallville, Triq l-Isqof Ferdinand Mattei, Iż-Żejtun (KI 429876M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu mhux magħruf ta' Nazzareno Zerafa bin Emanuele u Rosina née Grima mwieled Bormla/Cospicua u residenti Paola, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2022, fejn Keith Paris et esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti jippossjedu t-terran bin-numru 112 bl-isem ta' Gawhra, Triq il-Kampanella/Triq Bluebell, Il-Fgura, sottopost għall-beni ta' terzi suġġett għas-servitujiet ta' propett u stilliċidju mal-fond sovrapost, bis-sistema ta' drains u drenaġġ komuni mal-fond sovrastanti, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu u mhux rivedibbli ta' €34.94 altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif muri fuq l-annessa site-plan Dok. A u kif aħjar deskritt fl-att tal-akkwist tan-Nutar Dott. Joseph Debono tas-27 ta' Lulju, 2017, Dok. B, dan il-fond huwa residenzjali.

Illi l-imsemmi ċens kien ġie oriġinarjament impost b'att tan-Nutar Joseph Agius tal-25 ta' Jannar, 1973, Dok. C;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi u jifdu dan l-istess ċens u illi għalhekk jammonta għal €698.80;

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli qorti u taħt l-Awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont komplessiv ta' €873.50 rapprentanti

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 13th July, 2022, following a request by Keith Paris et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown successors in title of Nazzareno Zerafa in the acts of the schedule of deposit number 1277/2022 in the names Keith Paris et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of ground rent number 1277/2022 in the names of Keith Paris, self-employed, son of Charles and Frances née Delceppo, born in Tal-Pietà, on the 21st August, 1980, together with his wife Karen Paris, supervisor, daughter of Alfons Dalli and Pauline née Grech, born in Tal-Pietà on the 29th October, 1980, both residing at 126, Leoscor, Triq Patri Mattew Sultana, Kalkara (ID 416080M and ID 503880M respectively) and Ritienne Paris, self-employed, daughter of Charles and Frances née Delceppo, born on the 13th August, 1976, and residing at number 34A, Smallville, Triq l-Isqof Ferdinand Mattei, Żejtun (ID 429876M) vs Deputy Curators to represent the unknown successors in title of Nazzareno Zerafa son of Emanuele and Rosina née Grima born in Bormla/Cospicua and residing in Paola, filed in the First Hall of the Civil Court on the 6th July, 2022, the applicants Keith Paris et respectfully submitted:

That the applicants own the tenement with number 112 with the name Gawhra, Triq il-Kampanella/Triq Bluebell, Fgura, underlying third party property subject to the servitudes of a property and eavesdrop with the overlying premises, with the drains and drainage system common with the overlying premises, subject to the annual and perpetual groundrent and not revisable of €34.94 otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, as shown on the attached site-plan Doc A and as better described in the deed of acquisition of Notary Dr Joseph Debono dated 27th July, 2017, Doc. B, this premises is residential.

That the said groundrent was originally imposed by a deed of Notary Joseph Agius of the 25th January, 1973, Doc. C;

That the applicants wish to avail themselves of the option given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem this same groundrent and thus this amounts to €698.80;

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the total amount of €873.50 representing the said amount of

l-imsemmi ammont ta' €698.80 prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija u l-ammont ta' €174.70 arretrati ta' ħames (5) snin, biex jiġi mogħti liberament lis-sidien wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: 126, Leoscor, Triq Patri Mattew Sultana, Il-Kalkara

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku,197, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 13 ta' Lulju, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

€698.80 price of redemption of this annual and perpetual groundrent regarding the immovable above mentioned and the amount of €174.70 arrears of five (5) years, to be freely given to the owners after leaving the due receipt.

Applicants: 126, Leoscor, Triq Patri Mattew Sultana, Kalkara

Notification: Director Public Registry, 197, Triq il-Merkanti, Valletta
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman, LLD, Doctor of Laws.

Today 13th July, 2022

Registry of the Superior Courts, today 21st July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1506

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Lulju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2737/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Antonio Ventaloro, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Antonio Ventaloro a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 27 ta' Ottubru, 2021

Lil Antonio Ventaloro (KI 191604A) ta' 85, Triq il-Kurċifiss, L-Isla

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali,

By means of a decree of the 7th July, 2022, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2737/2021 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Antonio Ventaloro, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Antonio Ventaloro in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 27th October, 2021

To Antonio Ventaloro (ID 191604A) of 85, Triq il-Kurċifiss, Senglea

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq

Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawk bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €2,452.96, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000095900 ossija dwar il-fond bl-indirizz 85, Triq il-Kurċifiss, L-Isla.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €2,452.96, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding utility bills number 411000095900 regarding the premises 85, Triq il-Kurċifiss, Senglea.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 21st July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1507

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Marzu, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1059/2022, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Abdullah Ellafi Merwan Elfetori, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Adullah Ellafi Merwan Elfetori (KI 0079668A) ta' 43, Spinola Court, Fuq il-Ġonna, Is-Swieqi, fis-6 ta' Mejju, 2022, United Acceptances Finance Ltd (C360) ta' Mizzi House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, tirreferi għal tmienja u għoxrin (28) kambjala mill-kont bin-numru 0306320213, minnek debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma tħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati bin-numri 14 sa 41.

Il-mittenti qiegħda tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €7,728 import tal-kambjali fuq

By means of a decree of the 29th March, 2023, in the records of the judicial letter number 1059/2022, in the names United Acceptances Finance Ltd vs Abdullah Ellafi Merwan Elfetori, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Abdullah Ellafi Merwan Elfetori (ID 0079668A) of 43, Spinola Court, Fuq il-Gonna, Swieqi, on the 6th May 2022, United Acceptances Finance Ltd (C360) of Mizzi House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, refers to twenty eight (28) bills of exchange from the account number 0306320213 signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked numbers 14 to 41.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €7,728 value of bills of exchange above

imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmak illi se tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri.

Int avżat li għandek id-dritt li topponi għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1508

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Lulju, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Cisel Luib Falzon vs Jesmond Micallef, Rikors Ġenerali numru 282/2023AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jesmond Micallef a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Ġenerali numru 282/2023AGV fl-ismijiet Cisel Luib Falzon (KI 0145917A) vs Jesmond Micallef (KI 185585M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fis-6 ta' Lulju, 2023, ir-rikorrenti Cisel Luib Falzon (KI 0145917A) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza lill-esponenti sabiex issiefer mal-minuri … omissis … fil-Filippini mill-25 ta' Awwissu, 2023 sas-26 ta' Settembru, 2023, iż-żewġ dati inklużi, u dan mingħajr il-bżonn tal-firma jew kunsens tal-intimat;

2. Tawtorizza lid-Direttur tal-Passaporti sabiex joħroġ passaport għall-istess minuri … omissis … u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens u firma tal-missier, l-intimat Jesmond Micallef (KI 188885M) u tawtorizza lill-istess esponenti tirtira dan il-passaport personalment.

U dan salv kull provvediment ieħor li l-istess jogħġobha timponi.

By means of a decree of the 7th July, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Cisel Luib Falzon vs Jesmond Micallef, General Application Number 282/2022AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jesmond Micallef in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of General Application number 282/2023AGV in the names Cisel Luib Falzon (ID 0145917A) vs Jesmond Micallef (ID 185585M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 6th July, 2023, the applicant Cisel Luib Falzon (ID 0145917A) requested this Honourable Court to:

1. Authorise the applicant to go abroad with the minor …omissis … in the Philippines from the 25th August, 2023 till the 26th September, 2023, both dates inclusive, and this without the need of the signature or consent of the respondent;

2. Authorise the Passport Director to issue a passport for the same minor … omissis … and this without the néed of consent and signature of the father, the respondent Jesmond Micallef (ID 188885M) and authorise the same applicant to withdraw this passport personally.

And this saving any other provision that the same deems fit to impose.

Attriċi: 2, Triq il-Baruni, Ħaż-Żabbar

Notifika: 358, Dream, Flat 1, Triq San Tumas, Ħal Tarxien

Qorti (Sezzjoni tal-Familja), l-Onor. Imħallef Antonio G. Vella, LLD

Rikors Ġenerali numru 282/2023

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-6 ta' Lulju, 2023,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili żmien għar-risposta.

Illum 7 ta' Lulju, 2023

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 24 ta' Lulju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 2, Triq il-Baruni, Ħaż-Żabbar

Notification: 358, Dream, Flat 1, Triq San Tumas, Ħal Tarxien

Civil Court (Family Section), Honourable Mr Justice Antonio G. Vella, LLD

General Application number 282/2023AGV

The Court,

Having seen the application of the 6th July, 2023,

Orders the notification to the counterparty with five (5) working days within which to submit a reply.

Today 7th July, 2023

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 24th July, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1509

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Lulju, 2023, fuq rikors ta' Kalkara Marina Company Ltd bin-numru tar-reġistrazzjoni C49452, ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 27 ta' Settembru, 2023, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kalkara Marina, Xatt tal-Kalkara, Il-Kalkara, tal-bastiment hawn taħt deskritti maqbudin mingħand STDB.EU Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C39502 u Ricky Alan Reeves bil-passaport Inġliż numru 651825970 għal kull interess li jista' jkollu.

Bastiment bl-isem 'M/Y Simply The Dogs' bin-numru tar-reġistrazzjoni SSR 164642, b'Hull numru FR-H000TC01B505, bil-bandiera tar-Renju Unit u b'tul ta' ħmistax-il metru punt għaxra (15.10m).

N.B. L-imsemmi bastiment jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 10/23.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrat Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th July 2023 on the application of Kalkara Marina Company Ltd with the registration C49452, Wednesday 27th September 2023 at half past ten in the morning (10:30 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held at Kalkara Marina, Xatt tal-Kalkara, Kalkara of the following vessel seized from the property of STD.EU Limited with the registration number C39502 and Ricky Alan Reeves with the English Passport no 651825970 for any interest he may have:

Vessel named 'M/Y Simply The Dogs' with the registration number SSR 164642, with Hull number FR-H000TC01B505, with the flag of the United Kingdom and with a length of fifteen point ten meters (15.10m).

N.B. The said vessel will be sold as described in the acts of judicial sale file number 10/23

Registry of the Superior Courts, this Friday, 21st July, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1510

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Mejju, 2023, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 2 ta' Novembru, 2023, fl-għaxra u

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th May, 2023, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 2nd November, 2023, at half past ten

nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-flat internament immarkat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' tliet flats mibnija fuq garaxx sottostanti, liema blokk ta' flats mingħajr lift, għandu n-numru uffiċjali disgħa u għoxrin (29) u jġib l-isem ta' 'John-Mary Flats', Triq Danny Cremona, Il-Ħamrun, u li jinsab fit-tielet sular tal-blokk u b'aċċess minn taraġ komuni għall-inkwilini kollha. Il-flat għandu inkomuni wkoll mal-flats l-oħra l-bieb ta' barra, l-entrata, taħt it-taraġ, taraġ sa fuq il-bejt, kif ukoll l-istess bejt u l-arja. Il-flat għandu terz indiviż tal-bejt flimkien maż-żewġ inkwilini l-oħra u jekk tinbena l-arja fuq it-terrazzin tal-flat numru tnejn (2), l-arja riżultanti tkun tappartjeni lill-proprjetarju tal-flat numru tlieta (3). Il-manutenzjoni tal-partijiet komuni huma a karigu tal-propjetarji fil-porzjon ta' terz kull wieħed u l-flat igawdi is-servitujiet attivi u passivi riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu u għandu s-sistema tad-drenaġġ komuni mal-fondi l-oħra fl-imsemmi blokk. Konfinanti l-imsemmi blokk mil-Lvant mal-imsemmija triq, mill-Punent ma' beni tas-Sur Spiteri, mit-Tramuntana ma' beni tas-Sur Giuliano u min-Nofsinhar ma' beni ta' Joseph Bugeja jew irjieħ verjuri. Iċ-ċens fuq il-flat ġie mifdi permezz ta' kuntratt datat tletin ta' Jannar, elf disa' mija sitta u sebghin (30.1.1976) fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia u l-flat huwa mikri lil terzi b'kera ta' €700 fis-sena u stmat li jiswa mitejn u sebgħa u tletin elf ewro (€237,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Grech Maria Dolores (KI 66543M), Drago Maria Carla (KI 45969M) u Camenzuli Alexia (KI 234878M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 17/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 24 ta' Lulju, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The flat internally marked by number three (3) forming part of a block of three (3) flats, which block of flats overlies a garage, which block of flats doesn't include a lift, with official number twenty nine (29) and named 'John-Mary Flats', Triq Danny Cremona, Ħamrun, and which is situated on the third floor of the block and with access from a stairs common to all the tenants. The flat also has in common with the other flats the front door, the entrance, underneath the stairs, the stairs to the roof, as well as the same roof and airspace. The flat has an undivided third of the roof together with two other tenants and if the airspace over the terrace of flat number two (2) is built, the resulting airspace will be belonging to the owner of flat number three (3). The maintenance of the common parts is at the expense of the owners in the portion of one third each and the flat enjoys the active and passive servitudes resulting from its position and has in common with the other properties in the same block the drainage system. The block is bounded on the east by the said street, on the west by property of Mr Spiteri, on the north by property of Mr Giuliano and south by property of Joseph Bugeja or more accurate boundaries. The ground rent on the flat was redeemed by contract dated thirtieth of January, of the year one thousand nine hundred and seventy-six (30.1.1976) in the acts of Notary Joseph Cachia and the flat is leased to third parties, with a rent of €700 per year and is valued at two hundred and thirty seven thousand euro (€237,000).

The said tenement is the property of Grech Maria Dolores (ID 66543M), Drago Maria Carla (ID 45969M) and Camenzuli Alexia (ID 234878M)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 17/2022.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 24th July, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1511

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Lulju, 2023, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 9 ta' Jannar, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-penthouse internament immarkata numru ħamsa (5), fit-tielet sular, bl-arja tagħha, bid-dritt ta' aċċess mill-

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 17th July, 2023, after the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 9th January, 2024, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The penthouse internally marked number five (5), on the third floor level, with its airspace, with the right of access from

partijiet komuni, sovrastanti appartamenti oħrajn u formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem Fair Winds, ġja jew drabi oħra indikat bħala Castagna House, ġewwa Triq l-Iskal, Marsaskala. Il-bejt u l-arja huma suġġetti għad-dritt ta' installazzjoni u manutenzjoni ta' tank tal-ilma, aerial tat-televixin u air conditioner unit tal-maisonette bl-isem Mandy Castagna House, kif ukoll suġġett għall-installar u manutenzjoni ta' solar water heater/panel, tliet air conditioning units, tank tal-ilma, satellite dish u aerial tal-appartament sottostanti, konfinanti fuq il-Punent mat-triq imsemmija, mit-Tramuntana u mil-Lvant mas-suċċessuri fit-titolu ta' Maximilian u Mary konjuġi Castagna. Il-penthouse hija eżentata mill-ħlas ta' kwalunkwe ċens u subċens, libera u franka u bil-pertinenzi kollha tagħha, bis-servitudnijiet passivi riżultanti mil-lokazzjoni tagħha, u dan kif aħjar deskritt fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu, elfejn u disgħa (2009), u stmat li tiswa' tliet mija u erbgħin elf ewro (€340,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mallinowski Steffen (KI 21795A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 30/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 24 ta' Lulju, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the common areas, overlying other apartments and forming part of a block of apartments named Fair Winds, previously or other times indicated as Castagna House, in Triq l-Iskal, Marsaskala. The roof and the airspace are subject to the right of installation and maintenance of a water tank, television aerial and air conditioner unit of the maisonette named Mandy Castagna House, as well as subject to the installation and maintenance of a solar water heater/panel, three air conditioning units, one water tank, satellite dish and aerial of the underlying apartment, bounded west by the said street, north and east with the successors in title of Maximilian and Mary spouses Castagna. The penthouse is exempted from any payments of any ground rent and sub ground rent, free and unencumbered and with all its appurtenances, with the passive servitudes resulting from its location, as better described in the acts Notary Ruben Casingena dated twenty fifth (25) August, two thousand and nine (2009), and is valued at three hundred and forty thousand euro (€340,000).

The said tenement is the property of Mallinowski Steffen (ID 21795A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 30/2021.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 24th July, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1512

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fl-4 ta' Lulju, 2023, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 610/2022RGM, li ġie ppreżentat fis-16 ta' Novembru, 2022, fl-ismijiet: Gauci Borda Maria Antonia k/a Antoinette vs Sultana Oscar et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-liġi. Bl-ispejjeż u bl-inġunzzjoni tal-intimati.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Settembru, 2023, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Sultana Oscar, 41, Triq San Kostantinu, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on 4th July, 2023, in the acts of Constitutional Application number 610/2022RGM, which was presented on 16th November, 2022, in the names: Gauci Borda Maria Antonia k/a Antoinette vs Sultana Oscar et, the following publication was ordered, in accordance with Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Condemn the State Advocate to pay the same compensation and liquidated damages in terms of law. With costs against the respondents who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 26th September, 2023, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Sultana Oscar, 41, Triq San Kostantinu, Birkirkara

Register of the Superior Courts, today 18th July, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*